**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum,** 29 ta’ Mejju 2025

Rikors Numru: 5/23 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi huma zzewwgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006), u dan skont ic- certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied, XXX li twieled fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u YYY li twieldet fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008).

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn April' tas-sena elfejn u tmintax (2018).

4. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) fl-atti tan-nutar Dr. Malcolm Camilleri. Kopja tal-kuntratt qed jigi hawn aness u mmarkat Dok B

5. Illi ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt, il-partijiet iddekadew mid-dritt ghall-manteniment bl-iktar mod assolut. Il-partijiet ukoll iddikjaraw illi tali dekadenza hija assoluta u rrevokabli u li d-dritt ghal manteniment ma jistax jigi impost fl-ebda cirkustanza, lanqas jekk ic-cirkustanzi tal-partijiet jinbidlu jew jekk d-drittijiet tal-partijiet jigu emendati b'xi bidla fil-ligi.

6. li ai termini tal-Artikolu 5 (ix) il-partijiet qablu li peress li r-residenza tal-minuri XXX ha jkun mal-missier filwaqt li r-residenza tal-minuri YYY ha tkun mal-omm, m'għandhomx għalfejn ihalllsu manteniment lil xulxin fir-rigward tal-minuri u dan b'mod reciproku.

7. Illi ma hemm ebda prospett ragenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin u l-partijiet qegħdin jahilfu dan l-att f' das-sens.

8. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad- divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg taz-zwieg li gie ccelebrat nhar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006)

2. Tordna lir-regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti javza lid- direttur tar-Registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha qieghed jammetti t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur tal-attrici Angie Attard, u dan peress illi jikonkorru l-elementi kollha kif rikjesti fil-ligi ghall-ħall taż-żwieg skont il-perdisposti tal-Artikoli 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 15 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2025;

Rat in-nota tal-intimat;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li ma jridx divorzju, madanakollu meta l-Qorti staqsietu ghar-ragunijiet tieghu hu ma semmiex ir-raguniiet ikkontemplati bil-ligi bhala raguni għall-opposizzjoni ta' tali talba izda qal biss li ma jridx id-divorzju u tridu biss ir-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de* facto separati mis-sena 2018 u legalment separati mit-12 ta' Dicembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.